# Qlugħ

POEŻIJI TA'
JANE CORTIS

Ġa ħareġ l-għassies
ifarfar l-aħħar fdal
ta' jum mitmum
u jkeffen f'sorra ta' tifkira
ġrajjietu.

Ġa xegħlet mad-dalma
id-diega
ġoċ-ċella maqfula
fejn waħdi nħażżeż il-lingwa
li nifhem jien waħdi.

Ġa smajtu f'widnejja
id-daħk madwari
x'ħin jaqa' s-separju fuq parti falluta
fejn l-għaraq tal-prova
jinxtorob mill-għabra
ta' palk minsi.

Ġa xxarbet mħaddti
taħt qamar li jidħak belgħani
jisqini l-imrar safrani
tax-xarba li toqtol
u tinżel bħal manna
ġon-nixfa ta' sidri.

Ġa rajthom il-qlugħ
ta' velu jperper
fuq mewġa maħruba.
U bħali
jiċċartu bla karba u jegħrqu
fejn għada
itfiġġ l-ewwel dija.

# Ħsibijiet Hajku

Sinjura mdandna
titbellah fi xjuħitha
werqa, fil-ħarifa.

Sema griż, kiebi,
qalb magħfusa, tross bikja
X'ħin tfur, terġa' x-xemx.



Arti fis-sema
Sħab minqux f'Kolossus ġdid
Nifs ir-riħ skalpell.

Żewġ sodod sema u art;
żewġ firxiet. Ikħal u aħdar.
Ħajbur u ngħaġ tewmin.

Miżiep iqattar
xita ta' thewdin miġbur
itektek, ħsieb ħsieb.

Żewġ ibħra jmewġu.
Wieħed jindhes ma' l-aħrax;
l-ieħor, mas-sejjieh.

Qalbi, għal'int hekk?
B'inhar qatt ma nisimgħek
bil-lejl, tgħajjat wisq.

Qalila x-xitwa.
Rebbiegħa li ma tħaddarx
mela x'tissejjah?

Mewġa f'dagħdigħa
sidirha tiela' u nieżel
tagħti b'rasha mal-blat.

Kemm hi kerha l-Mewt
nhar Ħadd xemxi filgħodu;
nhar Ħadd l-Għid il-Kbir!

# M'hemmx għalfejn

M'hemmx għalfejn iddum
tqalleb fil-ktieb oħxon
li jidhirlek li fih kollox.
M'hemmx għalfejn
il-kliem bla tarf u kkumplikat
għax dan jikkonfondini ...
Ħares biss f'għajnejja
taħt l-għassa ta' kewkba dħulija
u lili
tkun għidtli kollox.